Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 20 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11764/20
ADD 1
LIMITE
PV CONS 24
RELEX 748

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)

12 ta' Ottubru 2020

## WERREJ

**Paġna**

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi


3. Ġrajjiet Kurrenti ..................................... 3
4. Djalogu bejn Belgrad u Pristina..................................... 3
5. Belarussja..................................... 3
6. Russja..................................... 4
7. L-Amerka Latina u l-Karibew ..................................... 4
8. Affarijiet oħra ..................................... 4


***

## Attivitajiet mhux leġiżlattivi

**3. Ġrajjiet Kurrenti**

Il-Kunsill iddiskuta fil-qosor is-sitwazzjoni f'Nagorno-Karabach, il-Kirgiżistan, il-Venezwela, il-Mozambique, il-Mali kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024.

Ir-Rappreżentant Għoli Borrell ta informazzjoni qasira dwar is-Summit UE-Ukrajna tas-6 ta' Ottubru u ppropona diskussjoni fil-Kunsill dwar il-ġeopolitika tat-tibdil fil-klima.

Il-Ġermanja appellat lill-UE biex tiżviluppa approċċ strateġiku għall-Indo-Paċifiku u l-Finlandja ħabbret konferenza ministerjali tad-donaturi għall-Afganistan fit-23 u l-24 ta' Novembru f'Ġinevra.

**4. Djalogu bejn Belgrad u Pristina**
*Skambju ta' fehmiet*

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE Lajčák informa lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tad-djalogu bejn Belgrad u Pristina u l-ministri kellhom skambju ta' fehmiet li matulu ssottolinjaw l-importanza tad-djalogu u l-konklużjoni b'suċċess tiegħu.

**5. Belarussja**
*Skambju ta' fehmiet*
**Konklużjonijiet** **11660/20**
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-Belarussja u adotta konklużjonijiet dwar il-Belarussja, li fihom tenna l-appoġġ magħqud tal-UE għas-sovranità u l-indipendenza tal-pajjiż, u għal-libertajiet u d-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini Belarussi. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni politika tiegħu għat-tħejjija tas-sett ta' sanzjonijiet li jmiss.

**6. Russja**
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu diskussjoni dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja, li matulha afferma mill-ġdid ir-relevanza kontinwa tal-ħames prinċipji gwida miftehma fl-2016. Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar miżuri restrittivi kontra dawk marbuta mat-tentattiv ta' qtil ta' Alexei Navalny.

**7. Amerka Latina u l-Karibew**
*Skambju ta' fehmiet*

Dan il-punt ma ġiex diskuss.

**8. Affarijiet oħra**

Il-Ministri ġew infurmati dwar ir-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni tat-Trattat dwar is-Sema Miftuħ (Vjenna, 7-9 ta' Ottubru).